MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Talba Numru. 30/2009

**Proprint Company Limited (C-10680)**

**vs**

**Joseph Attard (ID Nru. 445459M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u disa' Euro u erbgha u hamsin centezmu (€409.54), rapprezentanti prezz ta' servizzi mibjugha lill-konvenut u li baqa' ma thallasx;

Minkejja li gie interpellat ihallas diversi drabi dan baqa' inadempjenti (kopja tal-ittra bonarja datata 3 ta' Jannar, 2008, u annessa u mmarkata bhala Dok B mal-avviz tat-talba);

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekoribbli mid-data tal-fattura relattiva (indikata fuq il-prospett anness mal-avviz

tat-talba u mmarkat Dok A) sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rati permessi mill-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja fuq imsemmija u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u disa’ Euro u erbgha u hamsin centezmu (€409.54), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------